# *PJAN PASTORALI 2009-2011*

## *Sussidji dwar it-tema*

## **U meta nintrefa' 'l fuq mill-art, jiena niġbed il-bnedmin kollha lejja** (Ġw 12,32)

Il-Papiet reċenti użaw din is-silta ħafna drabi fl-Omeliji tagħhom, u b'mod partikulari – minn Pawlu VI sal-lum – użawha fid-diskors li soltu jsir fi tmiem ir-rit tal-Via Crucis fil-Kolossew, nhar il-Ġimgħa l-Kbira filgħaxija. Fid-dokumenti uffiċjali tal-Maġisteru reċenti, l-użu ta' l-istess silta huwa aktar rari. Dawn li ġejjin huma s-siltiet prinċipali.

1. "'Meta nintrefa' 'l fuq mill-art, jiena niġbed il-bnedmin kollha lejja' (Ġw 12,32). L-irfigħ ta' Kristu fuq is-salib ifisser u jħabbar it-Tlugħ fis-sema. Dan kien il-bidu. Ġesu', il-Qassis waħdieni tal-Patt il-Ġdid u għal dejjem 'ma daħalx f'santwarju magħmul b'idejn il-bnedmin... imma daħal fis-sema stess, biex issa jidher għalina quddiem Alla (Lh 9,24)". (*Katekiżmu tal-Knisja Kattolika*, 1992, para. 662)

2. Fir-riflessjonijiet tiegħu dwar dak li hu moralment tajjeb għall-ħajja tal-Knisja u tad-dinja – filwaqt li jiżviluppa t-tema "Kristu ħelisna biex ngħixu ta' nies ħielsa" (Gal 5,1) – il-Papa Ġwanni Pawlu II, fl-enċiklika dwar is-sisien tad-duttrina morali tal-Knisja, jgħallem li l-liberta' tagħmilna ħielsa quddiem is-setgħanin, u tagħti s-saħħa lill-martri. Juri wkoll li l-kontemplazzjoni ta' Kristu msallab hija t-triq ewlenija li minnha l-Knisja trid tgħaddi kuljum. Dan l-istil ta' ħajja, meta tagħti ħajtek f'għotja sħiħa, iwasslek biex taqdi lil Alla u lill-aħwa. Imbagħad ikompli hekk: "B'dan il-mod il-Knisja, u kull nisrani fiha, hi msejħa għat-tisħib fl-*uffiċju regali* ta' Kristu msallab (ara Ġw 12,32), għall-grazzja u r-responsabbilta' ta' Bin il-bniedem 'li ma ġiex biex ikun moqdi imma biex jaqdi u jagħti

ħajtu b'fidwa għall-kotra' (Mt 20,28)". (Enċiklika *Veritatis Splendor*, 1993, para. 87)

3. Insibu referenza għall-istess silta ta' Ġw 12,32 fit-Talba lill-Madonna li tagħlaq id-*Direttorju għall-Ministeru u l-Ħajja tal-Presbiteri:* "Omm Ġesu' Kristu, kont miegħu fil-bidu ta' ħajtu u tal-missjoni tiegħu; fittixt l-Imgħallem fost il-folla, waqaft miegħu merfugħ 'il fuq mill-art, huwa u jtemm is-sagrifiċċju waħdieni u għal dejjem..." (Kongregazzjoni għall-Kleru, *Direttorju għall-Ministeru u l-Ħajja tal-Presbiteri*, 1994, paġna 103).

4. Fit-tieni kapitlu ta' l-enċiklika dwar il-Vanġelu tal-Ħajja, meta jgħallem dwar il-messaġġ nisrani tal-ħajja, Ġwanni Pawlu II jistqarr: "Fi tmiem dan il-kap li fih immeditajna l-messaġġ nisrani dwar il-ħajja rrid, flimkien ma' kull wieħed minnkom, nieqaf ftit nikkontempla lil *Dak li nifduh* u ġibed kollox lejh (ara Ġw 19,37; 12,32). Aħna u nħarsu lejn "il-wirja" tas-Salib (ara Lq 23,48) nistgħu nsibu f'din is-siġra glorjuża tas-Salib it-tmiem u r-rivelazzjoni sħiħa ta' l-*Evanġelju tal-ħajja* kollu kemm hu". (*Evangelium Vitae*, 1995, para.50)

5. F'wieħed mill-Messaġġi għal Jum il-Migranti, Ġwanni Pawlu II jgħid li Ġesu' għadda mill-esperjenza ta' min ma jkunx milqugħ. Twieled barra l-belt, għax ma kienx hemm post għalih, u meta ħareġ għall-ħajja pubblika ma kellux fejn imidd rasu. Ikompli hekk: "Is-Salib, imbagħad, iċ-ċentru tar-rivelazzjoni nisranija, jikkostitwixxi l-qofol ta' din is-sitwazzjoni radikali ta' barrani. Kristu jmut 'barra minn bieb il-belt' (Lh 13,12), irrifjutat mill-poplu tiegħu. Madankollu, l-evanġelista Ġwanni jiftakar fil-kliem profetiku ta' Ġesu', 'Meta nintrefa' mill-art niġbed il-bnedmin kollha lejja' (Ġw 12,32) u jisħaq li kien propju permezz tal-mewt tiegħu li beda 'jiġbor ġemgħa waħda l-ulied ta' Alla li kienu mxerrdin' (Gw 11,52)". (*Messaġġ għall-Jum Dinji tal-Migranti*, 1999, para. 3)

6. Silta importanti u qawwija hija dik li nsibu fil-Messaġġ tal-Papa Benedittu XVI għar-Randan 2007, ippubblikat f'Novembru

2006. Il-Messaġġ iġib l-isem *Huma jħarsu lejn min nifdu (Ġw 19,37)*. Il-Papa jgħid: "Fil-verita', huwa biss f'dik l-imħabba li jingħaqdu flimkien id-don gratuwitu tal-persuna nnifisha u x-xewqa mqanqla ta' reċiproċita' li tagħmel ħfief is-sagrifiċċji l-aktar tqal. Ġesu' qal: 'Meta nintrefa' 'l fuq mill-art, niġbed il-bnedmin kollha lejja' (Ġw 12,32). It-tweġiba li l-Mulej tant jixtieq minna hi li qabel kollox aħna nilqgħu mħabbtu u li nħallu lilna nfusna ninġibdu lejh. Li taċċetta mħabbtu, pero', mhux biżżejjed. Hu meħtieġ li twieġeb għal imħabba bħal din u timpenja ruħek, imbagħad, li twassalha lill-oħrajn: Kristu 'jiġbidna lejh' biex jgħaqqadna miegħu, biex nitgħallmu nħobbu lill-aħwa bl-istess imħabba tiegħu". (para. 4)

7. Fil-kuntest tat-tagħlim Ewkaristiku tiegħu dwar Ġesu', il-Ħaruf tas-Sagrifiċċju, il-Papa Benedittu XVI jgħid: "Il-missjoni li għaliha Ġesu' ġie fostna twettqet fil-Misteru ta' l-Għid. Minn fuq is-Salib minn fejn huwa jiġbed il-bnedmin kollha lejh (ara Ġw 12,32), qabel ma 'radd ruħu', huwa jlissen il-kelmiet: 'kollox hu mitmum' (Ġw 19,30). Fil-misteru ta' l-ubbidjenza ta' Kristu sal-mewt, anzi sal-mewt tas-salib (ara Fil 2,8), seħħ il-patt il-ġdid u etern". (Eżortazzjoni Appostolika *Sacramentum Caritatis*, 2007, para. 9)